MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1641/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Paul Bugeja u l-istess Paul Bugeja (ID 455066M)**

**Vs**

**Louis Ferriggi (ID 399677M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm340 (tlett mija u erbghin Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f’incident awtomobilistku li sehh gewwa l-Imsida nhar il-25 ta’ Lulju 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta’ tlett mija u erbghin Lira Maltin (Lm340) u dana in kwantu ghas-somma ta’ Lm312 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in

kwantu ghas-somma ta’ Lm28 lill-attur Paul Bugeja rapprezentanti danni li soffrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LAA 793 fil-25 ta’ Lulju 2002 gewwa l-Msida habat mall-vettura numru DAD 581 propjeta` tal-attur Paul Bugeja u misjuqa minn Rita Bugeja u ikkaguna danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident hu ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm15) u ta’ Ittra Ufficjali datata 22 ta’ Gunju 2004 (notifikata 26 ta’ Gunju 2004) kontra l-konvenut u ta’ IttrA Ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba attrici fil-konfront tal-konvneut hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta’ l-istess konvenut, izda sehh unikament b’negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Rita Bugeja illi kienet qed issuq il-vettura assikurata mas-socjeta` attrici fil-hin ta’ l-incident de quo, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi kif solitament jigri ma jkunx hemm terza persuna estranea li tkun prezenti ghall-incident. F’ dan il-kaz kienet hemm din il-persuna pero’ ma gietx prodotta bhala xhud. Kienet indikata fir-rapport imhejji mill-pulizija nvestigattiv bhala Ray Polidano.

Illi l-versjonijiet huma totalment opposti ghal xulxin. L-attrici tallega li gie fuqha bir-rivers, il-konvenut dahal go fih minn wara waqt li qed jipparkja.

Illi huwa sinjifikanti l-iskizz prezentat mill-konvenut fis-seduta tal-10 ta’ Marzu 2005 Dok RF 1. Il-konvenut ghamel enfasi fuq il-brake mark. Dana jahdem kontra tieghu f’zewg ipotesi sia jekk hareg bir-riverse u l-attrici pprovat tiskapulah u sia kif allega kien qed ifittex post biex jipparkja, sab wiehed, kiser fuq ix-xellug tieghu minghajr avviz lil ta’ warajh li kien se jibdel id-direzzjoni, hasadha, ppruvat tevitah, izda ghal xejn.

Gia nghad li jirrizulta minn terza persuna indikata fir-rapport li l-versjoni tal-konvenut ma kenitx wahda verosimili. Veru mhux konfermata bil-gurament, pero` t-Tribunal ghandhu ukoll jiggudika a bazi ta’ ekuita.

Illi l-quantum tad-danni ma hux kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet konvenut, jikkundannah ihallas is-somma ta’ tlett mija u erbghin Lira Maltin (Lm340), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------